MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2684/2002

**Avviz Numru 2684/02AJD**
**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Joseph Ciantar bhala Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Zebbug, Malta f'isem il-Kunsill Lokali ta' Zebbug, Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm151.00) rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi riklami ippubblikati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali ta'  Zebbug, Malta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji datati 3 ta' Gunju 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-dati ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Edward Saliba in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm151.00), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**